**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

---

## IL-SITT LEĠISLATURA

## MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL

## LAQGĦA NUMRU 32 – IT-TNEJN, 20 TA' FRAR 2012 FIL-5:30PM

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| David Dalli | Viċi Sindku |
| Rita Saliba | Kunsillier |
| Joan Farrugia | Kunsillier |
| Anthony Mifsud Bonnici | Kunsillier |
| Marica Bayliss | Kunsillier |
| Violet Bajada | Kunsillier |
| Neville Mallia | Kunsillier |
| Mikhail Micallef | Kunsillier |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

### 1 Approvazzjoni Minuti Numru 31

1.1 Kien hemm żewġ korrezzjonijiet. F'3.1 għandha tinbidel il-kelma "sakemm" mal-kelma "u". F'6.1 għandha tinbidel il-kelma "bieb" mal-kelma "grada".

1.2 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona. Is-Sinjura Marica Bayliss issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

### 2 Pagamenti Numru 58

2.1 Ġie deċiż li l-pagamenti lill-Perit Anthony Bezzina jiġu aċċettati taħt *letterhead* ta' *Mica Med* sakemm jiġu iffirmati mis-Sur Bezzina u tidher hekk fuq il-lista tal-pagamenti.

2.2 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati dawn il-pagamenti. Is-Sur David Dalli ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

### 3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

3.1 Saret talba għall-għajnuna mill-*Headmistress* tal-Iskola Primarja B biex il-Kunsill jiffinanzja *extra class* lil dawk l-istudenti bi problema ta' *literacy*. Dan l-ammont ser ikun ta' 810 Ewro. Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li tiġi milqugħha din it-talba. Is-Sinjura Marica Bayliss issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

3.2 Saret talba min-*Nursery* ta' San Ġwann biex tiġi organizzata l-*International Tournament* flimkien mal-Kunsill. Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li tiġi milqugħha t-talba. Is-Sinjura Rita Saliba ssekondat. Kien hemm qbil unanimu.

3.3 Saret diskussjoni rigward it-talbiet li rċieva l-Kunsill għal kumpens minn persuni li allegatament sofrew ħsara minn *potholes*. Ġie deċiż li jekk dawn il-*potholes* kienu riżultati ta' ħsarat mix-xita, l-Kunsill ma kienx negliġenti u ma jilqax it-talbiet.

3.4 Inqrat l-ittra mingħand l-Avukati Fenech rigward il-klijenti tagħhom *SGS Shopping Centre* li allegaw li qed jidħlilhom l-ilma tax-xita fil-pedamenti. Din l-ittra għandha tintbagħat lill-Avukat tal-Kunsill.

3.5 Inqrat l-ittra mingħand is-Sinjura Isabella Pisani. Din ir-residenta ipproponiet li Triq l-Istefanotis tiġi *one way* u ssir CCTV fil-masġar il-ġdid. Ġie deċiż li CCTV tiġi ikkunsidrata aktar tard 'il quddiem, imma din it-triq ma ssirx *one way* minħabba li tal-linja tgħaddi minnha.

3.6 Saret diskussjoni rigward il-laqgħa li saret l-MRRA mal-Klabb tal-Boċċi, li s-Sindku kien preżenti fiha. Din il-laqgħa kienet waħda pożittiva.

3.7 Il-Kunsill ġie infurmat li t-talba biex ikollna ħaddiema allokati fil-Kunsill bl-iskema tal-ETC ġiet aċċettata u mistenni li fi żmien qasir ikollna dawn il-ħaddiema preżenti.

## 4 Estimi Finanzjari

4.1 Saret diskussjoni rigward dawn l-estimi finanzjari sal-31 ta' Diċembru 2011. Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati dawn l-estimi. Is-Sinjura Marica Bayliss issekondat. Kien hemm 8 favur u 1 astensjoni.

## 5 Aġġudikazzjoni *tenders* u kwotazzjonijiet

5.1 SGNLC/T/1/12 – *Insurance*. Kien hemm offerta waħda biss tal-Kumpannija MIB. Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona lil din il-Kumpanija peress li l-offerta tagħhom kienet finanzjarjament aċċettabbli. Is-Sinjura Marica Bayliss issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

5.2 SGNLC/T/2/12 – *Parks and Gardens*. Ġie deċiż li jinħoloq Bord biex jevalwa l-erba' offerti li kien hemm. Dan il-Bord jikkonsisti minn Etienne Bonello Du Puis, Joan Farrugia, Marica Bayliss, Anthony Mifsud Bonnici u Neville Mallia.

5.3 SGNLC/T/3/12 – *Road Signs*. Kien hemm erba' offerti. Is-Sur Neville Mallia ppropona li tiġi aċċettata l-offerta tas-Sur Mario Mallia, peress li din kienet l-irħas offerta. Is-Sinjura Joan Farrugia ssekondat. Kien hemm 8 favur u 1 kontra.

5.4 SGNLC/T/4/12 – *Road Markings*. Kien hemm erba' offerti. Is-Sinjura Marica Bayliss ipproponiet li tiġi aċċettata l-offerta ta' Philip Agius & Sons peress li din kienet l-irħas offerta. Is-Sur Etienne Bonello Du Puis issekonda. Kien hemm 8 favur u 1 astensjoni.

5.5 SGNLC/T/5/12 – *Purchase of Second hand van*. Kien hemm tliet offerti. L-offerta ta' Burmarrad kienet imwarrba peress li l-Kunsill ma kienx qed jikkonsidra "pickups". Is-Sinjura Joan Farrugia pproponiet l-offerta ta' Jimmy Magro peress li din kien l-irħas offerta u dan il-van għandu ħafna inqas mili. Is-Sinjura Marica Bayliss issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

5.6 SGNLC/Q/1/12 – *Hire of Garage*. Ma kien hemm l-ebda offerta għal din is-sejħa.

5.7 SGNLC/Q/2/12 – *Purchase of 2 Computers*. Kien hemm seba' kumpanniji li issottomettew l-offerti tagħhom. Is-Sinjura Rita Saliba ipproponiet li tiġi aċċettata l-offerta tal-kumpannija TechnoWorld bi prezz ta' 1227.08 Ewro peress li din kienet l-irħas offerta bl-aqwa speċifikazzjonijiet. Is-Sur Neville Mallia ssekonda. Kien hemm 8 favur u 1 astensjoni.

5.8 SGNLC/Q/3/12 – *Transport*. Kien hemm żewġ offerti għal din is-sejħa. Is-Sur David Dalli ippropona li tiġi aċċettata l-offerta tal-*Paramount* peress li din kienet l-irħas offerta. Is-Sinjura Marica Bayliss issekondat. Kien hemm 5 favur u 4 astensjoni.

5.9 SGNLC/Q/4/12 – *Engineering Services*. Kien hemm tliet offerti għal din is-sejħa. Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li tiġi aċċettata l-offerta ta' Galea Curmi peress li din hija l-irħas offerta. Is-Sinjura Joan Farrugia ssekondat. Kien hemm qbil unanimu.

Is-Sindku Etienne Bonello Du Puis skuża ruħu mil-laqgħa.

## 6 Affarjiet Oħra

6.1 Is-Sur David Dalli ppropona li minħabba l-linja tat-Triq il-Pellikan kif inhi, Triq il-Venew għandha tiġi *one way* dħul biss minn Triq il-Pellikan u Triq il-Pluviera tiġi *one way* toħroġ biss għal Triq il-Pellikan. Kien hemm 7 favur u 1 astensjoni.

6.2 Is-Sinjur Violet Bajada ġabet għall-attenzjoni l-periklu li hemm fi Triq J F Marks minħabba *culvert* imkisser u l-bżonn ta' grada fi Ġnien Karin Grech. Kien hemm qbil li dawn isiru.

6.3 Is-Sur David Dalli ġab għall-attenzjoni li l-bozza li ippropona fil-laqgħa ta' qabel ġiet aċċettata mill-Kumitat tal-Kappara u ġiet ordnata.

6.4 Is-Sinjura Rita Saliba ġabet għall-attenzjoni li fi Triq il-Luq għandha ssir *one way* minħabba li hija perikoluża. Hi ppproponiet li Triq il-Luq issir *one way*. Ma kien hemm l-ebda sekondant.

6.5 Is-Sur Neville Mallia ġab għall-attenzjoni li kien hemm minn ħa *vacation leave* waqt il-*probation period*. Hu ippropona li tinkiteb ittra lill-*Labour Office* biex nieħdu *ruling*. Is-Sur Anthony Mifsud Bonnici issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

6.6 Is-Sur Neville Mallia ippropona li ssir talba lill-MFA biex il-grawnd f'Ta' Żwejt isir bit-*turf* u grada ġdida. Is-Sinjura Marica Bayliss issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

## 7 Għeluq il-Laqgħa

Il-laqgħa spiċċat fid-8.45pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tnejn, 5 ta' Marzu 2012 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Kurt Guillaumier** | **Etienne Bonello Du Puis** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |